**Ħdejk O Marija**

Ivvjaġġajt bil-bosta fuq l-ibħra hekk kbar
Użajt kull mezz possibbli biex nigi ħdejk,
Għajnejja fittxewk f'tant ħwejjeg daqshekk żgħar
Imlewni bil-kuraġġ ilwien sbieħ ħaddejk.

U jien fis-skiet ta' sliem bla qjies quddiemek
X'ridtni nagħmel jekk mhux nintelaq f'dirgħajk?
Mhux hemm stajt is-sliem għax f'għanjietek
Sibt il-hena w ma' Kristu kemm iggranfajt.

Ommi l-għażiża iss'fi triqti lura
Wisq għandi x'nirrakkonta lil dawn ħuti,
Kemm iż-żmien Marija jgħaddi buffura
X'nixhed biss għandi u mhux x'niddiskuti.

Wara din l-esperjenza ferrihija,
Nħoss l'għandi niġi ħdejk Marija.

Patri Mario Attard OFM Cap
2 Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen